**Flimkien, inwaqqfuhom!**

**Titħabbar it-tieni protesta minn Ġustizzja għal Artna għas-27 ta' Ottubru**

Hekk kif il-Gvern qed ikompli jippersisti biex jibqa' għaddej bil-liġijiet tal-ippjanar qerrieda li se jixħtu s-setgħa kollha f'idejn l-iżviluppaturi, il-kampanja Ġustizzja għal Artna qed issejjaħ lin-nies biex jerġgħu jingħaqdu fi protesta t-Tnejn, is-27 ta' Ottubru. Il-protesta se tibda fil-5.30pm minn quddiem il-Qorti u tibqa' miexja lejn il-Parlament.

La hija għażla tagħna, u lanqas huwa xi gost u pjaċir tagħna li nerġgħu noħorġu fit-toroq, iżda m'għandna ebda għażla ħlief li nibqgħu nissieltu biex inwaqqfu din it-theddida kbira għall-kwalità ta' ħajjitna u d-demokrazija. Aħna ripetutament stqarrejna li nippreferu npoġġu madwar mejda u niddiskutu r-riformi urġenti li pajjiżna għandu bżonn fil-qasam tal-ambjent u l-ippjanar. Madankollu, minkejja l-għajta tal-poplu għal ġustizzja — inklużi dawk l-eluf li s-Sibt, 4 ta' Ottubru ħarġu jipprotestaw fit-toroq tal-Belt — il-Prim Ministru Robert Abela qed jibqa' jirrifjuta li jisma' lill-poplu.

L-hekk imsejħa "riforma" tal-ippjanar hija mannara mdendla fuq għonq in-nies. Il-fatt li l-protesta li jmiss se taħbat mal-jum li fih jiġi ppreżentat il-Baġit mhuwiex kumbinazzjoni. Il-messaġġ tagħna huwa ċar: dan mhuwiex 'business as usual'.

Iż-żewġ abbozzi tal-ippjanar u t-tliet avviżi legali jippreżentaw theddida imminenti għall-postijiet li huma l-aktar għal qalbna, għall-komunitajiet tagħna, għall-ġustizzja soċjali, u għad-demokrazija. Dawn se jżarmaw is-salvagwardji eżistenti kollha kontra l-iżvilupp bla rażan billi jneħħu s-saħħa effettiva tar-regolamenti tal-ippjanar u jagħtu kontroll assolut lill-Awtorità korrotta tal-Ippjanar. Id-dritt tal-pubbliku li jappella deċiżjonijiet illegali b'mod effettiv se jiġi severament limitat, u l-Qorti se titlef is-setgħa tagħha li tirrevoka permessi illegali. Barra minn hekk, l-avviżi legali se jagħtu amnestija totali għal kull xorta ta' illegalità li saret sas-sena l-oħra, b'ebda limitu fuq it-tip, id-daqs jew il-post li fih saret.

Aħna nemmnu bis-sħiħ li n-nies għandhom is-saħħa li jwaqqfu dan l-attakk fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom. Filwaqt li nerġgħu ntennu t-talba tagħna lill-Prim Ministru Robert Abela biex jirtira immedjatament dawn il-liġijiet, nerġgħu nsejħu lill-pubbliku biex insaħħu din il-ġlieda kontra l-bullies ta' dan il-pajjiż — dawk li jemmnu li l-flus jagħtuhom id-dritt li jirfsu fuq iċ-ċittadini komuni.

It-Tnejn 27 ta' Ottubru, se nerġgħu nuruhom li aħna mhux se naċċettaw li ngħixu taħt il-ħakma tal-iżviluppaturi.

Flimkien, inwaqqfuhom!

www.gustizzjartna.org

**Għaqdiet**

BirdLife Malta

Din l-Art Ħelwa

Flimkien għal Ambjent Aħjar

Friends of the Earth Malta

Front Żgħażagħ għall-Ambjent

Għawdix

Moviment Graffitti

Nature Trust – FEE Malta

Ramblers Association

Wirt Għawdex